# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 57 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Ambaxxatriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (skużata – indisposta) |

## 57/01 Talba

57/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.18 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) infurmat lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi Zgħazugħa bagħtet email fejn talbet li tiġi skużata peress li kienet indisposta. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi skużata.

## 57/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 56.

57/02/01 Emenda fuq in-numru tal-minuti 55/03/04 sa 55/03/05/05 sabiex isiru 56/03/04 sa 56/03/05/05. Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

57/02/02 Emenda fuq il-minuta 56/07/06 biex jinqata l-paragrafu *'Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-EO sabet kopja tal-email ipprintjata fuq id-desk tagħha bir-risposta miktuba mis-Sindku u nota miktuba mis-Sindku kienet sabiex tibgħatha bħalha risposta f'isem il-Kunsilliera. Din il-kitba ratha kemm is-SE kif ukoll l-iskrivana. Is-SE ikkonfermat li huwa kien ħalla din l-iskrittura sabiex jibgħatuha f'isem il-Kunsilliera kollha.'* Din l-emenda ġiet approvata mill-Kunsillieri unanimament.

57/02/03 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 56 kif emendati. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 56/06.

## 57/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 56

57/03/01 **Para 56/03/01 :- *Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Kuntrattur kien ipprovda l-garanzija u ċ-ċertikat tal-ingineer. Hija se tieħu ħsieb tgħaddihom lill-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifika x-xogħol u l-kont, kif ukoll tibgħat il-*claim* lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DGL). Is-SE u l-Kunsillier Alfred Muscat għandhom jieħdu ħsieb li jordnaw *cover* sabiex jiġi mgħotti dan il-*lifter* meta ma jkunx qed jintuża.

57/03/02 **Para 56/03/02:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE kienet qed tistenna xi informazzjoni mill-ARMs dwar il-formola li trid timtela mis-Sur Stigter dwar il-*metres* tad-dawl u l-ilma. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex din il-materja tiġi konkluza malajr għaliex issa ilha pendent.

56703/03 **Para 56//03/03:- Ġnien tal-Ponta**: Ix-xogħol fuq Ġnien il-Ponta issa qed joqrob sabiex jitlesta. Jonqos li jitwaħħlu l-bankijiet, bins eċċ. Il-Kunsillier Christopher Fenech

tkellem dwar is-*soft area* fit-triq ma ġenb il-ġnien u t-tisqija tas-siġar eċċ. Is-SE intalbet issegwi mal-Kuntrattur li din ukoll titlesta għaliex kienet inkluża fil-kuntratt tax-xogħol. Is-SE infurmat li l-ELC għamlu x-xogħol u lestew it-tħawwil tas-siġar u pjanti u żiedu l-ħamrija. Il-Kunsill unanimament approva li tinxtara siġra oħra peress li kien għad fadal ħofra mingħajr siġra fl-istess ġnien. Is-SE intalbet tibgħat l-ittra lill-*Paying Agency* sabiex jiġu emendati l-*line items* kif ukoll sabiex titlob revizjoni tal-fondi. Is-SE intalbet tkompli issegwi lil B Grima & Sons Ltd sabiex jitwaħħlu l-bankijiet, *bins* u *picnic tables*. Kif ix-xogħol kollu ikun lest is-SE għandha titlob lil-Perit Grech sabiex jitlob il-*Compliance certificate* mill-MEPA. Is-SE għandha tordna tabella skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Il-Kunsill approva unanimament li l-ELC jintalbu kwotazzjoni sabiex dan il-ċnien jiddaħħal fil-programm tax-xogħol u sadanittant s-SE intalbet tieħu ħsieb li ssib *bowser* tal-ilma li jsaqqi kemm dawn is-siġar, kif ukoll dawk tas-*Searchlight Battery*.

57/03/04 **Para 56/03/04 :- Triq San Gwann**: Is-SE infurmat li hija se terġa tikteb lit-TM rigward il-*bollards* ta' Triq San Gwann. TM naqsu ukoll li jwaħħlu l-*cat eyes* kif suppost kellhom jagħmlu. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li barra li jkompli jinsisti ma TM peress li dan hu proġett tagħhom u huma obbligati li jlestuh kif suppost, talab lis-SE sabiex titlob għall-kwotazzjoni għal dawn il-*bollards*.

57/03/05 **Para 56/03/05 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* ecc.–** Is-CEO tal-Green MT is-Sur Joe Attard għadu ma bgħattx il-pagament pendenti ta' €2,310 u lanqas il-konsenja ta' boroz grizi. Is-SE ser tkompli issegwi.

57/03/05/01 **Para 56/03/05/01** Is-SE infurmat lill-Kunsill li bgħatet l-ittri lill-dawk kollha li tefgħu l-offerta tagħhom għat-*Tender - The Collection of Mixed Household Waste* fejn infurmathom bid-decizzjoni tal-Kunsill. Issa nridu nistennew sa 19 ta' Ġunju 2014 biex naraw jekk jidħolx appell. Il-Kunsill unaniment approva li s-Sindku u s-SE jiffirmaw l-kuntratt il-ġdid f'kaz li ma jkunx hemm appell.

57/03/05/02 **Para 56/03/05/03** Dwar il-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika u l-ftuħ u l-għeluq ta' Ġnien il-Paċi s-SE infurmat li hija bgħatet l-ittri lill-dawk kollha li tefgħu l-offerta u nfurmathom bid-deċizzjoni tal-Kunsill. Hija se tistenna jekk il-Kunsill jirċiviex xi appell. Il-Kunsill unaniment approva li s-Sindku u s-SE jiffirmaw l-kuntratt il-ġdid f'każ li ma jkunx hemm appell.

57/03/05/03 **Para 56/03/05/05** Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni irreveda l-offerti għas-Servizz ta' Perit wara li ntalbet informazzjoni oħra mingħand uħud mill-Periti. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni irrikomanda li dan il-proċess ta' *tender* jiġi mwaqqaf u tinħareg sejħa ġdida peress li l-informazzjoni li qed jipprovdu l-periti mhux dettaljata biżżejjed sabiex ikunu jista' jsir *assessment* kif suppost bil-għan li jiġi identifkat perit li joffri s-servizz. Ukoll mhux il-perit kollha ipprovdew informazzjoni ugwali wara li ġew mistoqsija mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva d-deċizzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u talab lis-SE ħalli tinforma lill-dawk kollha li tefgħu l-offerta' li din is-sejħa qed tiġi imwaqqfa. Is-SE għandha tistenna għaxart (10) ijiem għal xi appell u jekk ma jirċievux appell tibgħat lura l-ħlas li kien sar biex inxtara d-dokument tat-*tender* u tibgħat ukoll lura l-garanziji tal-bank. Is-SE għandha tieħu ħsieb li tinħareg sejħa ġdida malajr u fl-*ispecifications* jiġi iddettaljat eżatt x'għandu bżonn il-Kunsill ħalli kull min jitfa' t-*tender* jimla biss il-ħlas mitlub.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


57/03/05/04 **Para 56/03/05/06** Is-SE infurmat li qiegħda taħdem fuq is-sejħa għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq. Hija qed tistenna li l-MAG jibgħatu l-aħħar verzjoni tal-kuntratt sabiex jiġi ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

57/03/06 **Para 56/03/06**:- ***Euro Clean:*** : Is-Sindku qal li s-SE iċċekkjat l-kontijiet tal-*Euro Clean* u għad fadal li tiċċekkja tad-*diesel.* Sadanittant il-Kunsill reġa' rċieva mid-DGL il-gwida dwar il-ħlas dovut lill-*Euro Clean* fir-rigward tad-*diesel.*

57/03/07 **Para 56/03/07 :- Festival tal-Ħalib 2014** –Is-SE infurmat li l-irċevuti ntbgħatu lid-DLG għal rifuzjoni ta' parti mill-ispejjez.

57/03/08 **Para 56/03/08 :-** ***Live Streaming***:- Is-SE infurmat lill-Kunsill it-talba għal rifuzjoni tal-ispejjez tal-*Live Streaming* inbgħatet.

57/03/09 **Para 56/03/09 :- Ilment 18114083204463 –** Is-SE infurmat li l-*works order* għat-*traffic humps* u t-tabelli meħtieġa għalihom ser jinħargu dalwaqt.

57/03/10 **Para 56/03/10** :- **Plakek ħdejn postijiet storiċi:-** Il-Viċi Sindku nforma li għad irid jipprepara l-informazzjoni dwar il-Knisja Parrokkjali.

57/03/11 **Para 56/03/11 :- Kunċert Mużikali:** Is-SE infurmat li dalwaqt ser jintbagħtu l-inviti. It-*trophies* ġew ordnati mingħand *Glass Creations.* Ġie deċiż li s-SE tipprepara *seating plan* u dak in-nhar tal-Kunċert l-istaff tal-Kunsill se jkunu xogħol ħalli jieħdu ħsieb li l-mistiedna jsibu posthom skont din il-*plan.* Hi għandha tikkordina mal-Kapillan dwar is-*seating* fil-Knisja kif ukoll fejn ser joqgħodu l-muziċista u l-kantanta u fejn ser isir id-diskors u l-prezentazzjoni. Rigward il-riċeviment is-SE infurmat li ser jinġabru l-kwotazzjonijiet. Il-poster tal-kunċert għandu jitlesta kemm jista' jkun malajr u jitqassam. Peress li ex-Kunsilliera qeda residenta fid-Djar tal-Anzjani taż-Żejtun, il-Kunsill unanimament qabel li jekk ikun hemm bżonn jiġi provdut transport ħalli din tkun tista' tattendi din iċ-ċerimonja.

57/03/12 **Para 56/03/11/02:- Jum ir-Raħal 2014:** Is-SE infurmat li l-*purchase order* (PO) għal kiri tal-arbli mingħand il-Kumitat tal-Festa saret kif ukoll l-PO biex tinkera l-bitħa ta' ħdejn is-sala parrokkjali mingħand il-Kapillan. Il-Kumitat Festa avża verbalment li mhux se jieħu ħsieb l-armar tal-*bar* u allura dan issa ser jiġi offrut lill-Għaqda tan-Nar San Bartilmew għaliex huma imisshom skont l-iskeda. Is-SE infurmat li se toħroġ is-*service order* għas-servizz tal-Kor Pax Christii għall-quddiesa tas-16 ta' Lulju. Is-SE infurmat li tallet stimi għall-provvista' ta' dawl u *PA* system, transport għad-diversi ħarġiet eċċ. Is-SE intalbet sabiex tieħu ħsieb tikri 200 siggu sabiex jintużaw waqt l-attivita'. Il-Viċi Sindku nforma li għad irid jipprepara l-lista tal-kantanti li ser jieħdu sehem kif ukoll ser jiehu ħsieb jipprepara *flyer* sabiex jitqassam fid-djar kollha tar-raħal. Dan kollu ġie unanimament approvat mill-Kunsill.

57/03/13 **Para 56/03/12** ***Business Plan*** **2014 -2017:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill se tagħmel mill-aħjar biex tirrevedi l-*Business Plan* u tipprepara r-Rapport Amministrattiv imma bhalissa kienet qed taħdem fuq it-Tenders li għalqu u fuq applikazzjonijiet ta' skemi varji. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex dawn jitlestew malajr.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

57/03/14 **Para 56/03/13:-** Is-SE infurmat li hija għada ma rċevietx l-approvazzjoni mill -*Enemalta* sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza. Rigward il-bozza ta' Triq Zellieqa din għad trid tiġi imqabbda mad-dawl mill-Enemalta.

57/03/15 **Para 56/03/14 Poloz tas-Sigurta':-** Is-SE infurmat il-Kunsill li hija ċċekkjat l-poloz eżistenti u dawn ġew imgedda. Hija għandha tieħu ħsieb timxi mar-rakkomandazzjoni tal-awditur sabiex jiġu aġġustat l-valur assigurat ta' ċerti assi.

57/03/16 **Para 56/03/15 Talba 8114019208583:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġew ordnati t-tabelli tat-traffiku għal Sqaq Warda.

57/03/17 **Para 56/03/16** :-. Is-Sindku u s-SE iffirmaw l-ftehim mat-TCTC u ntbgħat il-ħlas dovut.

57/03/18 **Para 56/03/17** Il-Viċi Sindku għadu qed jaħdem fuq id-DVD u eventwalment ser jiltaqgħa mas-Sur E. Aquilina fejn ser jitolbu ukoll l-istima sabiex isir dan id-DVD.

57/03/19 **Para 56/03/19 :-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-marki tat-traffiku fi Triq Stiefnu Zerafa qegħdin jsiru b'xi żebgħa nferjuri għaliex dawn malajr ma jibqgħux jidhru. Is-SE infurmat li l-Kunsill diġa irċieva ilmenti fuq din iz-zebgħa. Is-SE intalbet tikteb lill-Kuntrattur ħalli jirrimedja u jibgħatilna żebgha li hija tajba bi bdil maż-żebgħa li għandna. Ma għandux isir ħlas sadanittant lill-kuntrattur. Is-SE infurmat li l-ħaddiem l-ieħor beda jaqta' l-ħaxix fi Triq il-Ġnien u Triq Għaxqet l-Għajn, Tal-Ferħa u fl-isqaqien, eċċ.

57/03/20 **Para 56/03/20** Is-SE infurmat li għadha qed tipprova iġġib aktar dettalji mingħand Kunsilli oħra dwar id-dawl ġdid għaż-*żebra crossing* tal-Pjazza.

57/03/21 **Para 56/03/21** Is-Sindku nforma li d-DGL ħareġ l-approvazzjoni sabiex jinbidel il-main tal-ilma u jsir kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud. Is-SE intalbet tinforma lill-kuntratturi li tefgħu l-offerta b'din id-deċizzjoni kif ukoll sabiex eventwalment toħroġ il-*Letter of Acceptance* ħalli jiġi iffirmat il-kuntratt.

57/0/3/22 **Para 56/03/22 :-** Is-SE talbet lil-Bord tas-*Street Naming Committee* jekk ittieħditx deċizjoni dwar it-talba tal-Kunsill. Is-SE intalbet sabiex tkompli ssegwi dan il-każ.

57/03/23 **Para 56/03/23 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Awditur**:- Is-SE infurmat li hija qegħda tahdem fuq r-risposta tal-*Management letter* u kif tlestija, tibgħatha lill-National Audit Office u kopji lill-Accountant, lill-Awditur u lill-DGL. Hija ser tieħu ħsieb tagħti kopja tar-risposta lill-Kunsillieri kif ukoll itellgħa fuq il-*website* tal-Kunsill il-*Financial Statements 2013* u l-Estimi Finanzjari 2014. Is-Sindku fakkar ukoll li l-*binding* tal-minuti irid isir ladarba tlesta l-*Audit*.

57/03/24 **Para 56/03/24 Sqaq il-Qiegħed**:- Il-Kunsillier Muscat informa lil-Kunsill li x-xogħol fi Sqaq il-Qiegħed tlesta. Ir-resident li kien għamel it-talba ġie l-Kunsill fejn irringrazzja lill-Kunsill tax-xogħol tajjeb li sar. Is-SE għandha tipprepara l-pagament hekk kif tirċievi l-*invoice*.

57/03/25 **Para 56/03/26:-** Rigward il-*culvert* ta' Triq il-Ġnien il-Kunsillier Muscat ser jieħu ħsieb ikellem lill-kuntrattur.

57/03/26 **Para 56/03//29:-** Is-Sindku u l-Kunsillieri Christopher Fenech, Alfred Muscat u Vincent Galea attendew l-attivita' tad-donazzjoni ta' kotba fejn kien mistieden l-Onor Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo fl-iskola primarja ta' Ħal Għargħur. Is-Sindku nforma lis-SE li fil-librerija hemm bżonn li jinxtraw bnadar ġodda, jsiru 2 *covers* tad-*neon tubes*, u jitneħħew xi xkaffi. Dan kollhu ġie unanimament approvat mill-Kunsill.

57/03/27 **Para 56/03/30:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur ħa l-fanal ġdid li jrid jeħel fil-Pjazza tad-Dejma u għandhu jiftiehem mar-residenta sabiex jerġa jitwaħħal fejn kien qabel. Meta dan jitwaħħal is-SE ser tieħu ħsieb tagħmel l-arrangamenti mal-Enemalta sabiex dan jitqabbad mad-dawl.

57/03/28 **Para 56/03/32:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa mal-uffiċċjali tal-Pulizija li huma responsabbli mill-lokalita' tagħna flimkien mal-Kapillan ma saritx it-Tlieta 10 ta' Ġunju fil-5.30pm imma ser issir il-Ħamis 26 ta' Ġunju fil-5.30 pm. Is-SE intalbet tfakkar lill-Kunsillieri biex jattendu għal din il-laqgħa dakinhar.

57/03/29 **Para 56/05/02 Talba nru 18114085210848:-** Is-Sindku ikkonferma li hu kien kellem lis-sid tal-forn u kien qallu li Triq Ferdinand ma tistax tingħalaq mingħajr ma jkunu saru l-permessi meħtieġa. Rigward it-tabella tal-*loading / unloading* is-sid kien talab li din tiġi emendata sabiex ikun riservat *parking* biss kull nhar ta' Tlieta meta jiġi id-distributur tal-gass. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

57/03/30 **Para 56/06/08:-** Is-SE għamlet appuntament sabiex rapprezentant mit-TM jiltaqgħa mal-Kunsillier Muscat u magħha sabiex flimkien jaraw fejn hemm *Second class water reservoirs and large wells owned by Government.*

57/03/31 **Para 56/07/03:-** Is-SE infurmat li l-avviz fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar l-armar tal-gabbani fil-festa sabiex jibdew jiġu ipproċessati l-permessi kien ħareġ.

57/03/32 **Para 56/07/05** :- Il-Viċi Sindku nforma li t-tabella fuq il-pont ta' Wied id-Dis kienet għadha hemm. Is-SE qalet li hi bagħtet ħaddiem imma ma sabiex. Hija ghandħa tieħu ħsieb li din titneħħa.

**57/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

57/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-Petty Cash.

**57/05 Ilmenti u Suggerimenti**

57/05/01 Suggeriment Nru 18114061211577 - sabiex fi Triq San Nikola isiru l-*Parking Bays*. Il-Kunsill innota li l-ipparkjar ta' vetturi fi Triq San Nikola hu regolat tajjeb kif ukoll li jekk isiru l-*Parking Bays* mhux ser jiżdiedu l-ispazji għall-*parking*. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa ma jsirux il-*parking bays* imma inkomplu nsegwu.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

57/05/02 Ilmenti Nru 18114037211549 u 18114031211545 - Zewg ilmenti li qed ikun hemm imblukkar ta' garaxxijiet fi Triq Dun Karm Fenech kif ukoll li fl-istess triq hemm garage li qed jintuża bħala *store* u jkun hemm ingenji kbar ipparkjati li qed jieħdu post l-ispazju fejn jistgħu jipparkjaw vetturi zgħar. Ġie deċiż li s-SE tinvestiga jekk jistgħux isiru aktar marki tat-traffiku fejn il-garaxxijiet u jekk diġa' hemm jekk dawn humiex skont il-liġi. Jekk diga qedin skont il-liġi r-residenti għandhom jiġu infurmati li meta ikun hemm vetturi ipparkjati illegalment iridu jitolbu l-assistenza tal-Pulizija. Dwar l-ipparkjar ta' vetturi kbar ġie innotat li dawn mhux suppost li jitħallew fit-triq matul il-lejl u għalhekk hawn ukoll irid isir rapport lill-Pulizija. Dwar il-ġaraxx li qed jintuża bħala *store* l-awtorita' li hi responsabbli dwar l-użu tal-propjeta' hi l-MEPA u għalhekk ir-resident għandu jintalab isegwi mal-MEPA jekk dan il-garaxx jistax jintuża bħala *store*.

57/05/03 Ilment Nru 18114030211544 - Talba sabiex *bus stop* fi Triq Caravaggio jitressaq għaliex ir-residenti li joqgħodu Triq Indipendenza qed ikollhom jimxu biċċa twila sad-dar. Il-Kunsill innota li fix-xhur li għaddew diġa' tressqu u tneħħa ukoll *bus stop* ieħor fuq talba ukoll tar-residenti. Jekk dan il-*bus stop* jitressaq imbagħad ir-residenti li joqgħodu fi Triq Caravaggio probabli ser igergru li issa huma għandhom mixja itwal. Ġie deċiż li ma jsir xejn għaliex fil-fehma tal-Kunsill dan il-*bus stop* qed f'post li jilħaq bilanċ bejn id-diversi toroq. Ġie innotat ukoll li l-*bus stops* huma responsabbilta' ta Transport Malta

57/05/04 Ilment dwar tabella fi Triq il-Mithna li nqalgħet sabiex teħel mill-ġdid. Il-Kunsill unanimament approva li teħel din it-tabella meta jitlestew ix-xogħolijiet.

57/05/05 Is-SE infurmat li l-ħaddiem tal-Kunsill ma setax inaddaf sew *culvert* fi Triq Fidiel Zarb mingħajr ma jkollhu l-għodda addattata. Il-Kunsill unanimament approva li tinxtara din l-għodda (qasab). Il-Kunsill unanimament approva li s-SE tieħu ħsieb tordna il-qasab għal dan ix-xogħol u dawn iżżommhom taħt il-kustodju tagħha.

57/05/06 Il-Kunsillier Fenech ressaq talba ta' resident sabiex Triq Dun Karm Vella issir *One Way* ħalli l-karrozzi jkunu jistgħu jinżlu biss lejn Triq il-Ġnien. Il-Kunsillier Muscat fakkar lill-Kunsill li din it-talba kienet saret xi snin ilu u t-TM ma aċċettawx. Is-SE intalbet tippreżenta l-korrispondenza dwar dan is-suġġett.

57/05/07 Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi ssuġġerixxa li ssir petizzjoni dwar il-bżonn ta' ATM fir-raħal fejn ir-residenti jkunu jistgħu jiffirmaw din il-petizzjoni ħalli tintbagħat lill-banek kollha. Il-Kunsill unanimament approva din l-inizjattiva. Ġie deċiż li avviz tal-petizzjoni jiġi inkluz fil-ħarġa li jmiss tal-Kunsill. Fuq suħħeriment tal-Kunsillier Christopher Fenech fil-ħarġa tal-fuljett ser jiġi ippubblikati għal darb'oħra numri tat-telefon utli bħal tal-emerġenza eċċ.

**57/06 Korrispondenza**

**Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:**

57/06/01 Korrispondenza dwar *Case 466/14-Tender Documents-Gharghur Local Council* dwar jekk *tenderers* jistgħux jaraw id-dokumenti tat-*tenders*. Id-DGL informa lill-Kunsill li t-*tenders* għandhom jibqgħu kunfidenzjali.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

57/06/02 Korrispondenza mill-Perit Stephen Psaila dwar bini ta’ rampa ħdejn iċ-ċimiterju fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill unanimament approva li jixtara l-materjal meħtieġ sabiex tinbena din ir-rampa fit-triq. Is-SE ġiet awtorizzata toħroġ il-*Purchase order* (PO).

57/06/03 Korrispondenza mill-Ministeru għad-Djalogu Socjali dwar Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-sena ġiet innotata.

57/06/04 Korrispondenza mingħand id-Direttur tad-DGL dwar il-proposta tal-Kunsill għall-PPP2 ġiet innotata. Din il-materja ġiet diskussa iżjed il-quddiem f’din il-laqgħa.

57/06/05 Korrispondenza mingħand il-Kuntrattur dwar il-bozza ġdida fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa ġiet innotata.

57/06/06 Korrispondenza mingħand id-Direttur Generali dwar risposti mill-Kabinett tal-Ministri ħhat-talbiet tal-Kunsill imressqa mis-Sindku aktar kmieni din is-sena. Il-Kunsill innota fost l-oħrajn li l-bini ta’ *culvert* tant meħtieġ fi Triq San Gwann fejn jinġabar ħafna ilma meta tagħmel ix-xita ġie pospost. Il-Kunsill unanimament talab lis-SE sabiex tikteb lill-Ministru konċernat u tinsisti sabiex dan il-*culvert* jsir kemm jista’ jkun malajr qabel jibda l-istaġun tax-xita u nispjegaw l-importanza tiegħu kif ukoll il-periklu li jinħoloq kull darba li tagħmel ix-xita.

57/06/07 Korrispondenza mit-TM dwar xogħlijiet fit-troq relatati ma stallazjoni ta’ *earth electrodes* ġiet innotata.

57/06/08 Kwotazzjoni mill-MITA dwar is-*software package – Microsoft Office Pro 2010* biex jinxtara għal-lap top tal-Kunsill. Il-Kunsill talab lill-Viċi Sindku sabiex jitkellem mal-Microsoft forsi dawn jistgħu joffru stima aħjar.

57/06/09 *Memo 17/2014*:- *Streaming tal-Laqgħat Online* u skema ta’ għajnuna finanzjarja għas-servizz tal-*internet*. Il-Kunsill unanimament approva b’mozzjoni numru 1 u 2 li ġew ipprezentati dak il-ħin fil-laqgħa li jintbagħtu l-formoli meħtieġa ħalli l-Kunsill jingħata rifuzjoni fuq l-ispejjez għas-servizz tal-*internet*.

57/06/10 *Memo 15/2014*:- Posta Elettronika tal-membri tal-Kunsill Lokali ġiet innotata. Il-Kunsillieri kollha ikkonfermaw waqt il-laqgha li huma għad għandhom bżonn li jkomplu jagħmlu użu mill-*email address* mogħti lilhom mid-DGL. Is-SE intalbet tinforma lid-DLG b’din il-konferma.

57/06/11 *Memo 16/2014*:- *Business Breakfast* dwar *Performance Management Indicators*. Is-Sindku ma jistax jattendi imma s-SE ser tattendi nhar it-Tnejn 30 ta’ Ġunju filgħodu.

57/06/12 Korrispondenza mit-TECT - *Towards Excellence in Cultural Tourism* ġiet innotata. Is-SE intalbet tibgħat din il-korrispondenza lill-Kunsillier kollha.

57/06/13 Rapport u rakkomandazzjoijiet mill-MCCA-Playgrounds Ġnien il-Paċi/Ta’ Zagħruna. Is-SE infurmat li kopja tas-*summary* ser teħel fil-*playgrounds*. Ġnien il-Paċi ġie *graded A* filwaqt li l-*area* ta’ Zagħruna hemm diversi xogħolijiet li hemm bżonn isiru. Il-Kunsill kien għamel talba sabiex jingħata l-fondi ħalli jkun jista’ jwettaq ir-rakkomandazzjonijiet fl-*area* ta’ Zagħruna. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jkompli jipprova jakkwista l-

fondi pero sadanittant din l-*area* għandha tibqa' miftuħa għall-pubbliku. Il-Kunsillier Vincent Galea issuggerixxa li żewġ arbli tal-elettriku li hemm fil-Ġnien il-Paċi jiġu miksija bir-*rubber* attaposta minhabba s-*safety*. Il-Kunsill unanimament qabel u s-SE għandha tieħu ħsieb li jsir dan ix-xogħol.

57/06/14 Korrispondenza mid-DGL dwar Skemi tal-PPP tat-toroq. Is-SE intalbet tirrispondi.

57/06/15 Korrispondenza mill-*Yellow Pages - Hal Gharghur Local Council*. Il-Kunsill unanimament approva li l-informazzjoni li għandhom il-*Yellow Pages* tibqa' l-istess u ma tiżdiedx xi informazzjoni oħra. Is-SE għandha tibgħat risposta.

57/06/16 Korrispondenza mid-DLG dwar ftuħ tal-uffiċċju tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Is-SE infurmat li qed tinġabar statistika ta' kemm jiġi ipproċessat xogħol nhar ta' Sibt ħalli wara tkun tista' tintbagħat risposta lid-DGL.

**57/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

57/07/01 Is-SE infurmat lill-Kunsill li meta kien ġie is-*service provider* biex jirranġa l-komputers tal-Kunsill, huwa sab li l-*external disk* mhiex qed taħdem. Il-Kunsill unanimament approva li din tiġi irranġata. Is-Sindku talab lis-SE tfittex l-irċevuta ta' meta nxtrat din l-*external disk* peress li wisq probabli għadha koperta' bil-garanzija.

57/07/02 Il-Kunsillier Fenech informa ill-Kunsill li s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ se jagħmlu BBQ nhar il-Ġimgħa li ġej. Huwa qal li fis-*Searchlight Battery* hemm bżonn ta' bieb li jitwaħħal sabiex il-post jingħalaq sew. Il-Kunsill unanimament approva li jsir dan il-bieb u s-SE ser titlob stima mingħand is-Sur J. Mula.

57/07/03 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-panelli li hemm fi Ġnien il-Paċi kif ukoll fuq il-bejt tal-Kunsill għandhom bżonn jitnaddfu. Is-SE għandha tieħu ħsieb isegwi dan ix-xogħol.

57/07/04 Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li l-ħarġa għall-anzjani f'Għawdex marret tajjeb ħafna.

57/07/05 Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li l-Ħuġġieġa din id-darba ser issir il-Ħimgha 27 ta' Ġunju fit-8pm fil-Pjazza tal-Knisja. Hu qed jitkellem mal-Kapillan filwaqt li membri mill-Għaqda Dwal Ġodda ser jieħdu sehem. Dan kollhu ġie unanimament approvat mill-Kunsill.

57/07/06 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni fuq ilment pendenti ta' qtugħ ta' dawl fi Triq l-Indipendenza. Huwa saħaq li lmenti li jibqu pendenti għal diversi jiem u li fuqhom jidħlu ilmenti iktar minn darba, għandhom jingħataw prijorita' u mhux sempliċiment tintbaghat *e-mail* jew *reminder* imma jekk ikun hemm bżonn issir telefonata. Is-SE infurmat lill-Kunsill li huma jibgħatu *emails* u anka f'dan il-każ u każi oħrajn, jċemplu lill-Enemalta imma din id-darba l-Enemalta ma ħaditx ħsieb li tirremedja dan ilment fil-ħin. Il-Kunsill Fenech saħaq li dakinhar huwa ġie il-Kunsill u reġa' ġibed l-attenzjoni lis-SE minħabba din il-problema ta' qtugħ ta' dawl fi Triq sħiħa u hija ikkonfermat li dak il-ħin kellha biċċa xoghol urġenti u kif tlesti kienet se ċċempel dirett lill-Ingineer sabiex tissolva l-problema. Hija saħħqet li l-ħaddiema kienet diġa ċemplet kemm il-darba u tkellmet ma

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt


impjegata tal-*customer care* fuq dan l-ilment u anka nbgħatu *reminders* imma xorta waħda l-Enemalta kienet għadha ma sewwitx l-ħsara.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-SE sabiex ilmenti li jkunu ilhom għal diversi jiem pendenti, għandhom jingħataw prijorita'. Is-SE qalet li huma rraportaw kemm il-darba imma l-entita' kellha ssewwi l-ħsara. Fil-fatt is-SE ikkonfermat li bl-email li bgħatet hija stess lill-Ingineer urġenti dakinhar.

**57/08** **Aġġornament**

57/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-8.45 pm wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2014 fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Louise-Anne Gusman | 30 ta' Ġunju 2014 |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv | Data |